# Rena Balzan: L-Esperjenza Letterarja bħala x-Xjenza tar-Ruħ

*Apprezzament Kritiku tax-Xogħlijiet Poetiċi*

Olivia Borg

*Literature, at least good literature,*
*is science tempered with the blood of art.*
*Like architecture or music – Carlos Ruiz Zafón.*

**Introduzzjoni: Xjentist(a)rtista**

Ma tantx issib min ikun, bħal Rena Balzan, impenjat kemm fir-riċerka xjentifika u kemm fil-kitba tal-poeżija u tar-rumanzi fl-istess ħin. Mhux talli hekk, talli fil-każ ta' Balzan, iż-żewġ ħidmiet jistgħu jitqiesu bħala aspetti tal-istess stħarriġ għax il-personalità tagħha taqbel perfettament ma' dak li qal il-bijologu Thomas Henry Huxley fl-1860 *"Science and literature are not two things, but two sides of one thing"*.

Fid-dawl ta' dan, matul iċ-ċerimonja tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2021 organizzata f'Diċembru mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, Balzan rebħet il-Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u l-Letteratura; rikonoxximent mistħoqq li ispira lil din il-kitba akkademika.

**Ix-Xjenza u l-Arti Labranzetta**

Rena Balzan fil-poeżija tagħha turi l-imħabba għax-xjenza preċiżament għall-qasam tal-Bijoloġija Molekulari u l-Ġenetika, imma fiha hemm it-twaħħid tax-xjenza mal-arti. Bejn ix-xjenza li tħaddem u l-arti li tapprezza hemm xi ħaġa komuni li hi "l-kreattività, il-kurżità, *probing into the unknown*" (Balzan, intervistata minn Bernard Micallef) għax bħall-poeta, "ix-xjentist, l-ewwel irid joħlom, ikollu viżjoni" (Balzan, intervistata minn Simone Galea). "Lill-Muża...kważi b'rabja" tgħidilha

> Tibqax tilgħab dil-logħba
> ta' min ma jafx xi jrid
> għax m'intx għajr biċċa minni
> fis-sħiħ u fit-tiżrid.
>
> Lix-xjenza terġax tlumha
> dik m'għandha l-ebda ħtija ...
> Kont jien li ntlift warajha
> w nebbittha ġewwa fija (*Alfa* 32).

Meta titkellem fuq in-natura żgur li tkun qed tqarreb dawn iż-żewġ dixxiplini lejn xulxin, kif pereżempju jagħmel ukoll Achille Mizzi. Balzan hi poetessa b'moħħ xjentifiku li tanalizza kulma hu madwarha bix-xjenza u l-arti. Is-soġġettiviżmu tagħha hu msejjes fuq it-tlaqqigħ bejn ix-xjenza u l-arti biex tiskopri r-realtà li hemm ġo fiha u b'hekk tidħol fid-dominju tal-psikoloġija. Fi kliemha stess, "Ix-xjentist li mhux artist mhuwiex veru xjentist" (Balzan, intervistata minn Adrian Grima). Apparti minn hekk, "Ix-xjentist irid ikun ukoll kittieb tajjeb" (Balzan, intervistata minn Sephora Francalanza). Tara r-realtà bil-perċezzjoni klinika tagħha għax il-punt di vista tagħha hu l-intellett, dejjem ittemprat. Fl-għażla tal-kelma hemm ir-reqqa kważi xjentifika mħallta mas-superjorità tas-sentiment u xi drabi l-faxxinu tal-istħajjil. Minkejja li fil-personalità ta' Balzan, ix-xjenza u l-arti huma inevitabbilment imżewġa, hemm ukoll

kuntrast fin-natura intrinsika tagħhom għax waqt li x-xjenza titlob ċerta rigorożità u dixxiplina fejn ir-riżultati huma l-frott ta' proċess twil ta' osservazzjoni, il-poeżija, skont Balzan, iġġib magħha element ta' ħeffa għax tiġiha bħal leħħa u jekk ma taħfinhiex immedjatament, titlifha. Mhux l-istess jista' jingħad għall-kitba tar-rumanzi, għax dawn, bħax-xjenza, jirrikorru għall-proċess tal-fermentazzjoni primarjament minħabba l-iżvilupp tal-plott u tal-karattri.

> Il-poeżiji qatt ma nippjanahom. Jiġu għal għarrieda bħal berqa, u sakemm niktibha, poeżija ma tħallinix bi kwieti. Jekk imbagħad, minħabba xi esiġenzi oħra, ninjoraha tassew, nitlifha u x'aktarx li qatt ma jerġa' jiġini n-nebħ tagħha (Sammut 63).

Irridu nkunu konxji wkoll li bejn ix-xjenza u l-letteratura jafu jfiġġu kuntrasti oħra bħal meta l-artist "jittradixxi r-raġuni" u "l-poeta, bil-metafori tiegħu, saħansitra jippretendi li jgħid il-verità billi jigdeb" (Friggieri 78).

Żgur li l-iktar kitba li tirrappreżenta l-elementi kollha magħġunin fil-personalità ta' Balzan u li minħabba f'hekk nistgħu nqisuha bħala poeżija emblematika hija *Epitaffju* miktuba fl-1 ta' Jannar tal-1991 u li tinsab fuq il-qabar tal-familja fiċ-ċimiterju tas-Siġġiewi.

> Fis-sempliċità tan-natura
> sibt il-hena;
> fil-kumplessità tagħha
> l-vitalità biex ngħixha.
> Fik, Ħallieq
> il-milja tal-eternità (*Alfa* 25).

Madankollu, meta ffaċċjata bil-mistoqsija diffiċli dwar liema dixxiplina tagħżel bejn l-arti u x-xjenza, Balzan tfakkarna fi kliem Robert Graves[1] meta tgħid

1 Waħda mill-kwotazzjonijiet li Graves jibqa' mfakkar għaliha hi "*To be a poet is a condition rather than a profession.*"

*"I absolutely don't like the idea of having to face a choice between science and literature," she admits. "However", she cryptically adds with a grin on her face, "a poet you are born, a scientist you become"* (Balzan, f'Farrugia).

**Mir-Relazzjoni bejn ix-Xjenza u l-Arti għal dik bejn il-Moħħ u l-Qalb**

Fil-kitba kważi dejjem ikun hemm element ta' indaġni psikoloġika mwettqa b'sekwenza metikoluża u bl-użu ta' għodod u tekniċi lingwistiċi hekk nodfa li tistħajjilhom sterilizzati. Bejn il-'jien' u l-'int' fil-poeżiji tagħha, ir-relazzjonijiet jitfissru b'ton loġiku u jintisġu bħal f'malju daqslikieku huma r-relazzjonijiet bejn l-elementi kimiċi li jiffurmaw ċellola bijoloġika imma dejjem biż-żieda ta' fatturi misterjużi li jissorprendu waqt li jqawwu l-intensità tal-mistoqsijiet dwar ix-xorti u dwar ir-riżultati statistikament improbabbli li tqajjem il-mixja tal-evoluzzjoni, saħansitra anke qabel il-miġja tal-bniedem li Balzan f'*Natura Mdabbra* tgħidlu "Lil hinn mir-realtà/li tħaddan int/is-serħ fis-skiet/minsuġ mal-għanja ħielsa/li tbennen il-ħolqien" (*Turġien* 2). L-istess atmosfera u emozzjoni tixref f'*Fis-Sikta* (*Ilwien Moħbija* 15) fejn is-skiet jagħtiha l-opportunità tiddjaloga mal-għerf tal-esperjenzi ta' ħajjitha; jgħinha tagħraf u tibni fuq is-suċċessi li kellha u jgħarrafha kif tevita t-telfiet u l-insigurtajiet li tkun sofriet. "Kultant nisma' l-ħoss tas-silenzju u dak ukoll ipoġġini f'paċi miegħi nnifsi" (Balzan, intervistata minn Simone Galea).

Il-poeżiji ta' Balzan jidħlu f'xulxin u dan iwassal biex ħafna mill-qarrejja jħossu li l-poeżiji huma midmuma bħal ħoloq f'ħannieqa, b'kontinwità tematika, stilistika u prosodika li twassal għal riflessjoni profonda u kontinwa. Ir-raġuni u l-liriċiżmu personali jitħalltu waqt li jfuru minn moħħ intelliġenti u attiv li ironikament kultant iwassal biex il-poetessa tikkundanna lilha nfisha għas-solitudni għax qed tifhem id-dinja ħafna iktar minn ħaddieħor kif naraw f'*Kultant ninsa...*

... u nibqa’ nistħajjel
sakemm il-biża’ minni nnifsi
jġibni f’tiegħi
u jġagħalni nara l-qoxra ta’ madwari
nofsha lesta w mirquma
b’elf raġuni.
Imma għalija mhux l-istess
li d-dinja tieqaf ħesrem
u jiena li naf naħseb nixtieq nemmen
li għax tiegħi
il-qoxra kważi tlellex
bilfors li ġiet maqtugħa
minn pezza oħra (*Alfa* 14).

Mill-ewwel daqqa t’għajn lejn ix-xogħlijiet poetiċi jispikka immedjatament is-seħer li jħalli fuqha d-dawl li essenzjalment hu marbut mal-essenza tal-ħajja u li fost għadd ta’ proċessi, titfaċċa fid-dinja anke permezz tal-fotosinteżi. Id-dawl hu forza li tmexxi lill-ħolqien, b’Balzan tixref bħala l-għannejja ta’ kull ħaġa ħajja li ssejjaħ għall-empatija, għall-unità u għas-solidarjetà bejn l-ispeċi kollha tal-ħolqien; turija oħra ta’ kemm l-idea tal-ġeneoloġija hija għal qalbha u kemm hi tixtieq li fid-dinja jkun hemm ċirkolazzjoni ta’ ideat u emozzjonijiet u mhux kompetizzjoni sfrenata bejn l-individwi.

Naf x’inhi s-solitudni
u s-solitudni tiegħi
m’għadhiex tbeżżagħni
għax fiha nara l-oħrajn kollha
fis-solitudni tagħhom
u lkoll flimkien nibnu katina
twila daqs iż-żmien
[…] (*Alfa* 18).

**Il-Faxxinu bl-Ilwien**

Jiġbdulha l-attenzjoni b'mod speċjali l-kuluri li wkoll joħloqhom id-dawl u li meta jintgħaġnu lkoll flimkien, minnhom joħroġ l-abjad; simbolu tas-serenità, tat-trasparenza u s-safa, rekwiżit ewlieni fix-xjenza. Il-kuluri tant jispikkaw fil-poeżiji tagħha li jinħassu qegħdin taħt il-mikroskopju, lesti biex jiġu mistħarrġa jew miflija. Isegwu mbagħad il-misterjożità u s-seħer tal-iswed li hu l-assenza ta' kwalunkwe kulur. Il-kuntrast bejn il-pożittiv u n-negattiv jidher ukoll meta tfittex is-sabiħ fl-ikrah kif jidher minn *Tweġiba*: "li l-iswed kien fih l-abjad,/u dak li deher tant ikrah/kien fih ilwien moħbija" (*Ilwien Moħbija* 21). B'mod parallel, f'*Dellijiet* tfittex "raġġ ta' dawl" sabiex teħles mid-"dell imċajpar" (*Ilwien Moħbija* 36). B'referenza għad-dawl u l-kuluri,

> L-artist huwa entità, iżda mhux entità statika. Ħafna jsejħulu priżma, u bħal priżma, hemm fih aktar min-naħa waħda lesta biex tilqa' d-dija tal-lehma (Ebejer ix).

Wara li naqraw din l-istqarrija ta' Francis Ebejer jiġi f'moħħna I. A. Richards li spjega preċiżament l-eżistenza ta' poeżija meta qal "*What a poem is is what it does*" (Wormser u Cappella 15) għax il-poeżija hija sewwasew dak li tagħmel. Balzan taqbad din it-triq billi bħal fil-każ tax-xjenza, tippreżenta l-poeżija bħala essri animat, organiżmu ħaj, imlewwen u dinamiku u l-preżenza tal-verb ta' moviment u ta' azzjoni 'tagħmel' f'din id-definizzjoni ta' Richards hija turija tan-natura attiva tal-poeżija li qabelxejn, bħal kull esperiment xjentifiku, hija esperjenza fiżika qalb il-passaġġ tal-eżistenza. Anke Aristotli f'*Il-Poetika* kiteb li l-poeżija u r-rettorika għandhom l-istatus ta' xjenzi produttivi u jokkupaw post fil-ġerarkija tal-għarfien għax iservu ta' mudell għall-esperjenza fundamentali tal-passaġġ mid-dlam għad-dawl, mill-injoranza għar-realizzazzjoni.

F'*Ottimiżmu*, il-fiżiku u s-simboliku nistgħu ngħidu li jitwaħħdu. Id-diskors f'din il-poeżija huwa magħmul minn immaġni konkreti u

ħsieb astratt. Il-poetika ta' Balzan ixxidd libsa lirika lill-ħsieb inixxi minn moħħ imrawwem fil-kultura tas-seklu għoxrin, primarjament il-perjodu ta' wara l-Indipendenza li matulu, wieħed mill-għanijiet tal-modernisti kien li jerġgħu jinkludu d-dinja reali fil-poeżija iżda li jagħmlu dan billi jiskopruha mill-ġdid jew jagħtuha forom oriġinali. Il-modernisti użaw id-dinja konkreta għall-invenzjonijiet u l-avvanzi artistiċi tagħhom. Il-poeżija akkwistat il-funzjoni li ssib is-sinifikat mill-ġdid tal-oġġett, anke jekk dan hu l-iktar oġġett sempliċi jew l-iċken oġġett f'għajnejn il-qarrejja. Għalhekk, dan iż-żwieġ bejn il-konkret u l-astratt aktarx huwa tentattiv biex tiġi eliminata l-fruntiera bejn l-oqsma tal-għerf u tingħata promozzjoni lill-interdixxiplinarjetà; kunċett li fi żmienna kulma jmur qed ikompli jikseb aktar saħħa.

Fl-iswed
il-kotra tal-ilwien
taħt madmad – qatt riflessi
jew
in-nuqqas sħiħ
tal-element ewlieni
miġbur u mferrex fl-abjad.
Fl-ottimiżmu
ix-xenqa għall-ħelsien
fil-ksib tal-eżistenza (*Turġien* 3).

## In-Natura: "bejta rżina tal-ħolqien"[2]

Il-kultura xjentifika tippermetti, anzi, tistenna, li l-immaġni jiġu żvolti b'mod mill-aktar dettaljat. Tant hu hekk li f'*Bejn Ħaltejn* jixref aktar fl-apert il-ħsieb li jirfed *Natura Mdabbra*. Jitkellem waħdu s-sottotitlu ta' *Bejn Ħaltejn*: "b'qima lejn it-teknoloġija; bi mħabba għan-natura" (*Turġien* 4) għax juri kemm ir-relazzjoni bejn il-bniedem u n-natura

2 Sottotitlu ispirat mill-poeżija *Il-Ħajt tas-Sejjieħ* (Balzan, *Ilwien Moħbija* 48).

b'mod żbaljat tlajna nħarsu lejha f'termini ta' ħakkiem u maħkum iżda fil-fatt il-kriżi ekoloġika kawża tal-egoiżmu u l-individwaliżmu tagħna kontinwament turina li din ir-relazzjoni hija bil-wisq aktar kumplessa minn hekk għax il-qerda li qed nikkawżaw fin-natura se ddur fuqna kif turi tant tajjeb Balzan bil-qawwa tal-vers "wiċċ in-natura sfigurat għajjibni" (*Turġien* 4). Għalhekk żgur li għandha tkun relazzjoni li tistrieħ fuq l-interdipendenza bin-natura sservi anke ta' sors ta' serħan il-moħħ għall-bniedem għax "l-istorbju huwa forma ta' tniġġis ukoll" (Balzan, intervistata minn Sephora Francalanza). Għandna s-sejħa għall-kultura iżda fl-istess ħin din m'għandhiex twarrab in-natura li għandha tibqa' marbuta mal-ħolqien minflok ma tispiċċa deformata minn *Bnedmin tar-ramel* (*Alfa* 24) jew tispiċċa vittma tal-istess progress xjentifiku u teknoloġiku. Din il-kumplessità tematika hija mbagħad b'mod mill-iktar naturali msarrfa f'kumplessità stilistika kif jidher f'*Bejn Ħaltejn* li hija poeżija msejsa fuq il-libertajiet tal-vers ħieles iżda li tħeġġiġna napprezzaw minn fejn bdejna.

Hawnhekk ta' min jinnota wkoll li fil-perjodu ta' wara l-Indipendenza li Balzan tagħmel parti minnu, iż-żmien ukoll jinħass bħala parti min-natura tant li jsir l-aġent li jsawwar in-natura ċiklika tal-bniedem – "nilgħab bid-dawl rifless/tal-esperjenzi mlewna/kultant bla sura .../ minsuġa miegħi/bla truf, bla ħela/fit-tisrip mgħaġġel, misnun/taż-żmien" (Balzan, *Alfa* 31). Huwa għalhekk li anke ż-żminijiet l-imgħoddija jibqgħu marbuta mal-bniedem għax kif naraw f'poeżiji bħal *Lill-Kastell ta' Edinburgh* (Balzan, *Ilwien Moħbija* 42) u *Imnajdra* (Balzan, *Alfa* 29) sawru fih l-identità tiegħu bħala ċittadin ta' pajjiżu u tad-dinja. Iż-żmien huwa kollettivament dimensjoni tal-eżistenza; aspett ieħor fundamentali li x-xjenza minn dejjem staqsiet mistoqsijiet kbar dwarha. Fid-dimensjoni taż-żmien imbagħad għandna d-dimensjoni umana li tidher bħala parti mill-ġrajja kożmika. Tidwi f'moħħna t-tfakkira ta' Balzan: "tinsiex li jien u ż-żmien/nimxu id f'id għax ħbieb" (*Alfa* 21). Bil-metafora idjomatika "l-musmar ġdid jaqla' lil dak qadim" (*Ilwien Moħbija* 44) temmen li ż-żmien iġib miegħu ideat ġodda li jieħdu post il-qodma u li "bil-qawwa ta' driegħu" (*Ilwien Moħbija* 14) kapaċi jbiddel lill-bniedem radikalment.

Dalgħodu mxejt
u rajt mhux biss uċuħ
li jfissru numri mingħajr għadd
iżda bnedmin
kull wieħed b'ħajtu tiegħu
li timla dinja għalih.
U mqar jekk
mad-daqqa t'għajn
inħassu 'l bogħod qatigħ
mid-dinja tiegħi
... il-waħda li naf jien
dalgħodu ntbaħt
li bejn kull dinja w oħra
fl-isfera tagħna
... tal-ħolqien
għax ilkoll mill-istess pezza
ma jeżistix dagħbien (*Alfa* 17).

Min-naħa l-oħra, f'poeżiji bħal *F'Lourdes* (Balzan, *Ilwien Moħbija* 13) u *Għalik...* (Balzan, *Ilwien Moħbija* 59) tirrikonoxxi l-fatt li t-tbatija, kemm dik tal-ġisem u kemm dik tar-ruħ, ukoll hija parti min-natura tal-bniedem li hi "ġabra ta' ħelu w morr" (Balzan, *Ilwien Moħbija* 47) u bħalma jagħmel Rużar Briffa f'L-*Għanja tal-Imnikket*, tirrikorri lejn il-Ħallieq li jipprovdi t-tama u jfarraġ lill-batut kull meta jkun hemm bżonn. Balzan taċċenna għas-seħer li tħalli fuqha l-poeżija ta' Briffa meta tgħid

"Ħafna nħobbha l-poeżija ta' Rużar Briffa, forsi għax Rużar Briffa kien ukoll tabib, ġej mill-parti tax-xjenza wkoll, imma hemm ċertu lirika, il-lirika illi tinħass" (Balzan, intervistata minn Sephora Francalanza).

## Il-Perċezzjoni f'Relazzjoni mal-Kalkolu tad-Distanza

Ir-relattività mhix biss fergħa oħra tal-qasam xjentifiku iżda hija wkoll karatteristika oħra tal-ħsieb modern. Kif ilkoll nafu, id-dehra ta' kollox, kemm ta' dak li hu konkret, fiżiku jew letterali iżda anke ta' dak li hu astratt, metafiżiku jew metaforiku tiddependi wisq mill-perspettiva jew mill-punt di vista: *Mill-Bogħod...Mill-Qrib...* (Balzan, *Turġien* 5). Biex tilmaħ il-verità trid tħares minn angoli u distanzi differenti u fuq kollox ma tridx tibża' tersaq lejn l-essri partikulari, anke jekk dan ikun ifisser li se tavviċina l-periferija. Balzan, f'din il-poeżija tistħarreġ jekk din hijiex it-triq waħdanija lejn l-għarfien. U din l-investigazzjoni min-naħa tal-poetessa twassal biex aħna l-qarrejja (anke bħala kritiċi) nistaqsu jekk dan huwiex ukoll l-uniku metodu kif nistgħu napprezzaw il-poeżija tagħha. Hija tifrex ħsibijietha fuq l-ilma li hu simbolu tal-purità waqt li nintebħu li bħala poetessa-xjentista ma tistax taħrab mill-fiżika għax issarraf in-natura fi prinċipju bażiku tax-xjenza: il-gravità. F'*Orizzonti* "tinqeda bix-xbieha tal-orizzonti biex tirrappreżenta lill-bniedem maħluq biex jittraxxendi lilu nnifsu lejn perfezzjoni estetika jew empirika dejjem ifjen mill-ħsieb attwali tiegħu" (B. Micallef).

> Kif kienet tisfa l-ħajja
> bla ħjiel ta' orizzonti?
> Kienet timtela u tfur bil-għerf u l-ħila
> jew taqa' f'kaos ta' taħwid
> u elf taħbila? (Balzan, *Ilwien Moħbija* 27).

### Fil-fehma ta' Bernard Micallef, b'togħma mill-fenomenoloġija

> Il-qagħda prekarja tal-bniedem, dejjem fit-tarf tar-raġunamenti u tas-sentimenti tiegħu tikkaratterizza l-letteratura [ta' Balzan]. Min jittarraf se jkollu l-opportunità jġarrab lilu nnifsu f'livell ġdid ta' perċezzjoni. Forsi huwa minħabba dan il-motiv, tat-tarf tal-għarfien uman li [Balzan dejjem tfittex] fejn jingħaqdu ż-żewġt itruf, tal-arti u tax-xjenza.

Din ir-relazzjoni bejn il-"jien" u l-"int", bejn il-mistoqsija u t-tweġiba, tirreferi wkoll għar-relazzjoni bejn l-awtur u l-qarrej-semmiegħ li tinqasam fuq diversi binarji. Hija relazzjoni semantika għaliex trid tifhem x'qed jgħid l-awtur, relazzjoni affettiva jew emottiva għax tħoss x'qed jgħid l-awtur, relazzjoni ta' simpatija minħabba s-sentimenti komuni li jista' jkun hemm u relazzjoni interpersonali magħrufa wkoll bħala reader-response criticism li qabdet sew mill-aħħar tas-sittinijiet u s-sebgħinijiet tas-seklu li għadda speċjalment bit-teoriji ta' Roland Barthes, Norman Holland, Wolfgang Iser u Stanley Fish. Ħafna mill-analiżi li ssir tal-letteratura Maltija għadha maħkuma mill-idea li t-test kif jidher fuq il-paġna huwa 'innoċenti' u meta taqrah m'għandekx 'iddaħħal' jew tqis elementi li bħallikieku huma 'mdendlin' miegħu, bħall-istorja jew l-ideoloġija tal-persuna li kitbitu, jew l-esperjenza ġdida li jġibu magħhom il-qarrejja meta jiltaqgħu mat-test. Kif rajna, dan żgur li ma jgħoddx għall-poeżiji ta' Balzan li ġġorr magħha l-bagalja tax-xjenza kull fejn tmur. Stanley Fish fis-saġġ tiegħu *"How to Recognize a Poem When You See One"* jgħid

> *It is not that the presence of poetic qualities compels a certain kind of attention but that the paying of a certain kind of attention results in the emergence of poetic qualities. […] Interpretation is not the art of construing but the art of constructing. Interpreters do not decode poems; they make them.*

Skont Fish, it-tifsira hija xi ħaġa li tinsab bejn il-kliem ta' fuq il-paġna u l-moħħ tal-qarrejja. Ma tinstabx totalment fit-test u lanqas hija xi ħaġa maħluqa kompletament mill-qarrejja imma hija forma ta' interazzjoni kreattiva bejn it-tnejn. Għalhekk, it-tifsira 'sseħħ' u dan jista' jiġri biss meta l-qarrejja jinteraġġixxu mat-test billi jingħataw l-ispazju 'jipparteċipaw' jew 'jikkontribwixxu' fit-tiswir tat-tifsir. U xi ngħidu għat-titlu tal-ġabra ewlenija? X'inhuma *L-Ilwien Moħbija* jekk mhumiex allużjoni għall-konnotazzjonijiet u l-interpretazzjonijiet li jġibu magħhom il-vrus, l-immaġni u t-tekniki letterarji ta' fuq il-paġni? Jinħoloq

[…] qisu spazju manjetiku fejn tinħass it-tregħida tal-metall qabel jinqabad mill-qawwa mistura tal-kalamita. Għalhekk hemm aktar ħsieb sottiniż *[sic]* milli dikjarat; hemm sfond ta' distanza, ta' ħemda, ta' assenza li minnu jiddistakka ruħu l-kliem" (Serracino Inglott 5).

## L-Immensità tal-Ħsieb u s-Setgħa tal-Komprensjoni (jew in-Nuqqas Tagħha)

Rena Balzan hija affaxxinata bil-moħħ u l-meravilja tal-ħsieb tant illi fil-poeżiji tinħass il-ħin kollu thewden dwarhom. Tant hu hekk li "Fil-poeżija, il-ħsieb huwa vitali. Poeżija bla ħsieb, bħal bniedem bla ruħ" (Balzan, intervistata minn Pablo Micallef u Mario Xuereb). Din it-tendenza hija wkoll ir-riżultat tal-interess tagħha fil-qasam xjentifiku li fost oqsma oħra huwa wieħed minn dawk li l-aktar li jimxu b'pass mgħaġġel u li jħallu riżultati li ma jitwemmnux. L-azzjonijiet konkreti jispirawha biex tfittex l-oriġini tagħhom u tibqa' mistagħġba meta tasal biex tiġbor il-frak tal-evidenza li permezz tiegħu tasal għall-konklużjonijiet li huma r-riżultat tal-funzjonijiet tal-moħħ ċkejken fil-kobor tiegħu. Fiha tidher u tinħass l-ambivalenza bejn ix-xewqa li tifhem u tanalizza u r-realizzazzjoni li dan qatt mhu possibbli kompletament u allura b'sensittività kapaċi timmeravilja ruħha anke meta ma tifhimx. F'dan il-kuntest tidwi f'moħħna l-kwartina mill-poeżija *Jekk* ta' Oliver Friggieri li tagħlaq bil-konvinzjoni li "Il-ħajja mistoqsija/miġbura f'elf għaliex,/u ssirlek poeżija/jekk int ma tweġibhiex."

Wara kollox, kif jgħid anke Roland Barthes, *"Literature is the question minus the answer."* Il-letteratura mhix neċessarjament qiegħda hemm biex taqdi funzjoni moralistika jew biex toffri s-soluzzjonijiet għalkemm fil-proċess tista' taqdi dawn il-funzjonijiet b'mod inkonxju iżda l-għan primarju tagħha hu li tqanqal il-ħsieb, anke jekk dan jista' jiskomodana, u toffri post ideali fejn niġu konxji mill-konflitti li hemm fina, bħala individwi u bħala komunità.

> Il-letteratura bħala mistoqsija, il-mistoqsija bħala tweġiba, is-suspett bħala konklużjoni, u l-gidba bħala verità: forsi fi ħdan dan il-paradoss jiftiehem kulma ngħad dwar il-letteratura bħala ħruġ miċ-ċentru tal-ħajja għal ċentru miktub li jreġġagħna lura lejn iċ-ċentru tal-ħajja, imgħobbijin bil-mistoqsija l-ġdida" (Friggieri 78).

F'*Waħda wara l-Oħra* Balzan iġġib konxji lin-nies li jittieħdu minn xulxin fi ħsibijiethom għax għalkemm aħna lkoll tal-istess speċi, temmen fil-formazzjoni tal-opinjoni personali u l-promozzjoni tal-ħsieb kritiku f'soċjetà demokratika meta tgħid "u stmajt mill-ġdid il-kobor/ta' min għax għandu moħħ/jaf jagħżel triqtu" (*Ilwien Moħbija* 32). Din il-kollezzjoni ta' ħsibijiet ħielsa u distinti minn xulxin tinġabar *Fil-Librerija* (Balzan, *Ilwien Moħbija* 24). Fid-dawl ta' din il-katina ta' riflessjonijiet, tajjeb niftakru li l-bniedem, bħala kreatura li tixxennaq għall-komunikazzjoni, imbagħad jeħtieġ lingwa biex ilaħħam, jagħti sura u jesprimi l-ħsibijiet tiegħu. Din hi l-viżjoni li Balzan għandha tal-ilsien Malti: "[…] bih nistqarr il-frott ta' ħsiebi/mhux għajr taħbit il-polz/... marbut ma' qalbek ħielsa" (*Ilwien Moħbija* 26).

## **"Iżda, x'nista' nagħmel jien .../b'idejja/kieku ma tkunx Int għalija .../Mulejja?"[3]**

Madankollu, id-dehen tal-bniedem bl-invenzjonijiet bħal ta' *L-Ajruplan* (Balzan, *Ilwien Moħbija* 52) u *It-Televiżjoni* (Balzan, *Ilwien Moħbija* 41) u bl-iżviluppi kbar li għamel fix-xjenza u t-teknoloġija qatt ma jġegħelha titbiegħed milli tara l-kobor u l-immensità f'Alla u fin-natura mhix mittiefsa mill-bniedem bħal meta jiġbdilha l-attenzjoni "l-ħoss bla serħ minsuġ bil-kejl" f'*Lill-Grillu* (Balzan, *Turġien* 6). Drabi oħra n-natura sservi wkoll ta' ispirazzjoni poetika u ta' simbolu tas-sabiħ kif naraw f'*Lill-Qamar Kwinta* (Balzan, *Ilwien Moħbija* 46) u f'*Mill-Art tal-Fantasija* (Balzan, *Ilwien Moħbija* 39) fejn mill-ewwel

3 Sottotitlu ispirat mill-poeżija *Evoluzzjoni* (Balzan, *Ilwien Moħbija* 17).

tiġina f'moħħna Mary Meylak. Minkejja li Balzan tinsab imħaxkna bejn żewġ pilastri kbar, Alla u x-xjenza, hija tagħraf iżżomm bilanċ bejn it-tnejn u f'ebda każ ma tara l-keffa tax-xjenza ogħla mill-keffa t'Alla. F'għajnejha, Alla, li hi ssejjaħlu "Inġinier ta' ħila" (*Alfa* 28) hu l-bidu jew il-punt tat-tluq ta' kollox b'sehem kbir fil-providenza ta' dan id-dehen. Tagħmel pass oltre milli sempliċement tintebaħ bil-kobor t'Alla iżda tfittex ukoll li tikkomunika mal-Ħallieq b'mod mill-aktar dirett permezz tal-poeżiji apostrofiċi bħal *Forsi...* (*Alfa* 28). Fl-isfond ta' din il-komunikazzjoni ta' min jinnota wkoll is-sinċerità kbira li tixref mill-poeżiji li wkoll hija aspett ieħor tat-trasparenza, din id-darba tar-ruħ. Nilmħu l-ħila ta' Balzan li għandha l-umiltà li tibqa' tistagħġeb u tibqa' titgħallem.

> […] bħal tifla żgħira
> nissaħħar il-ħin kollu
> quddiem il-ħolqien tiegħek.
> Mill-iċken fjura daħkana
> sal-ikbar siġra fuqana tgħaġġibni
> bil-qawwa melliesa ta' driegħek
> u bl-intensità niffieda ta' ħsiebek
> Ħallieq u Inġinier ta' ħila (*Alfa* 28).

Interessanti li "fil-poeżiji Rena Balzan ma tantx tagħti importanza lill-qagħda tal-mara" f'kuntrast mar-rumanzi fejn "l-istorja hija xort'oħra għax il-mara, bl-isfumaturi kollha possibbli, hija preżenti f'kull rumanz li kitbet" (Borg 85). Mhux talli hekk, talli r-rumanzi wrew "lil Balzan bħala esponenta ewlenija tal-letteratura femminista tat-tmenijiet u d-disgħinijiet" (Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb). Fil-poeżiji, in-nuqqas ta' sovverżjoni u n-nuqqas ta' problematizzazzjoni tal-qagħda tal-mara jista' jkun ġej mill-fatt li kif temmen tant tajjeb l-emanċipazzjoni tal-mara ma tistax isseħħ mingħajr l-emanċipazzjoni tas-soċjetà (Balzan, intervistata minn Simone Galea) u allura tħares lejn il-bniedem sħiħ, b'mod ġeneriku, bħala essri uman komplut minħabba l-viżjoni

ideali li tixtiequ jilħaq fil-poetika tagħha ħalli tkun tista' tinkiseb il-paċi universali. Raġuni oħra għaliex ma ħassitx daqstant il-bżonn li tipproblematizza l-qagħda tal-mara fil-poeżija tagħha jista' jkun li għandha għeruq bijografiċi. Fil-fatt hi stess tisħaq

> […] missieri kien veru bniedem progressiv, kont narah qisu jipproġetta, qisu barra minn żmienu u jien qatt ma trabbejt b'xi sinjal ta' inferiority complex għax jiena mara. […] Kemm fil-kamp letterarju u anke fil-kamp xjentifiku, qatt ma kelli l-iċken sens t'inferjorità; lili m'għamlitx bija dik (Balzan, intervistata minn Sephora Francalanza).

Il-kobor tal-univers tarah fl-istess bniedem li huwa univers ta' ċelloli fih innifsu. U għax il-bniedem huwa kreatura straordinarja li taħseb u li hija konxja mill-azzjonijiet tagħha, Balzan tibqa' temmen fih tant li pereżempju r-rumanz *Ilkoll ta' Nisel Wieħed* (1987) tiddedikah "Lil kull min baqagħlu fiduċja fil-bniedem; b'sens t'ammirazzjoni". Il-kobor tal-bniedem joħroġ anke mill-fatt li huwa parti minn u parteċipi f'xi ħaġa li hija ħafna ikbar minnu. Hemm ekwilibriju perfett fl-univers, fil-bniedem u fin-natura u Balzan, minbarra li trid tilħaq din l-utopja fil-poetika tagħha, trid li dan l-ekwilibriju jibqa' jiġi sostnut fost l-oħrajn permezz tal-iżvilupp sostenibbli u l-preservazzjoni tan-natura ħalli tkun tista' tibqa' titpaxxa b'qatgħa għasafar li hi mmexxija "bl-ifjen ritmu w armonija" (Balzan, *Ilwien Moħbija* 40). Meraviljuż il-ħsieb li aħna ngħixu "fuq pjaneta li ma tibżax/tmidd il-pass tagħha/ f'ritmu m'oħrajn bħalha/ġo univers/li fih ra t-tiswir tagħna/b'potenzjal ta' moħħ/b'għeruqu fil-ġejjieni/u mxeblek lejn il-quċċata/t'evoluzzjoni mneżżgħa/ mill-għeja tax-xjuħija" (Balzan, *Alfa* 19).

Għal Balzan, paradossalment, fiċ-ċokon assolut u fil-fraġiltà hemm il-kobor; "fl-embriju ta' kull rimja/l-potenzjalità" (*Turġien* 8). Tant hu hekk li l-inġinerija ġenetika għandha qawwa kbira bħalma għandha l-kelma, kemm mitkellma u wisq iżjed miktuba u l-użu ħażin ta' dawn l-għodod jista' jħalli impatti katastrofiċi. U hawn jidħol anke l-irwol ta' għalliema li huwa wieħed mill-ħafna kpiepel li Balzan libset u għadha

tilbes għax it-tagħlim hu l-proċess li jwettaq l-evoluzzjoni u b'hekk il-bniedem ikun jista' japprezza mhux biss il-letteratura iżda dak kollu li jinsab madwaru. "Il-kelma miktuba hija qawwa kbira fiha nnifisha għax għandha l-potenzjal li tinfirex fejn qatt ma mar min kitibha u tibqa' anke meta jiġi nieqes min kitibha" (Sammut 62). "F'idejn l-artista l-kelma tieħu saħħa u ġmiel" (Chetcuti 12).

**Il-Libsa Poetika u l-Għażla Lessikali**

Il-metrika fil-poeżija ta' Rena Balzan hija moderna; il-versi jidhru b'piedi u tulijiet differenti, ir-ritmu mexxej u xi drabi mgħaġġel huwa rifless tal-qagħda tar-ruħ li imbarkat fuq awtoskavi aktar milli ta' xi regola fissa u xi kultant, għalkemm mhux spiss, nilmħu n-nuqqas ta' punteġġjatura. Madankollu, il-poeżija tagħha hija 'l bogħod minn simboliżmu dens. Il-ħsieb jidher espress f'ordni loġika u t-tixbihat huma assoċjati waqt li l-lessiku mhuwiex daqstant xjentifiku iżda joqrob aktar lejn dak 'primittiv'.

It-trobbija tagħha fis-Siġġiewi ma jistax jonqos li tat lill-poetessa l-opportunità li tisma' l-kelma mitkellma b'Malti safi li llum, sfortunatament, jew intilef għalkollox jew kulma jmur qiegħed jonqos l-użu tiegħu. L-ambjent rurali ta' raħal twelidha "lil hinn mill-ħsejjes li jtarrxu l-moħħ" (Balzan, *Alfa* 26) huwa wkoll fattur determinanti fl-apprezzament tagħha lejn in-natura u fil-kitba tal-poeżiji ambjentalisti jew pajsaġġistiċi. "Jien naħseb li l-poeta awtentiku jkun qrib ħafna tan-natura, u fit-tajjeb jew fil-ħażin ikun ispirat minnha"(Sammut 61). Fil-każ tal-poeżiji ta' Balzan, il-kelma 'ambjent' trid tittieħed ukoll fis-sens wiesa' tal-kelma biex tfisser 'l-atmosfera' u hija mgħobbija bil-konnotazzjonijiet li din iġġib magħha għax "Meta nitkellmu fuq l-ambjent, irridu nqisu wkoll l-ambjent li noħolqu fir-relazzjonijiet ta' bejnietna u magħna nfusna" (Sammut 62).

**Il-Leħen Politiku: Eku tal-Veritajiet Soċjali**

Qasam ieħor li Balzan tittratta permezz tal-poeżiji tagħha huwa dak soċjali fejn narawha tassumi l-irwol ta' moralista b'mod espliċitu jew impliċitu permezz tal-metafora u niftakru fi kliem il-poeta Ingliż tal-perjodu Romantiku Percy Bysshe Shelley li jikkonkludi s-saġġ ċelebri tiegħu *A Defence of Poetry* tal-1821 billi jgħid li "l-poeti huma l-leġiżlaturi li d-dinja ma tirrikonoxxix."[4] F'dawn il-kitbiet politiċi li fihom hemm il-fil ironiku għax il-poetessa taf li qed tmiss l-essenzjali li mhuwiex strettament f'idejha, spiss tipprotesta b'mod ferventi kontra l-qagħda mwiegħra tas-soċjetà li tagħlaq għajnejha għal kull xorta ta' inġustizzja, għall-qerq, għall-artifiċjalità, għar-razziżmu u għall-indifferenza ta' dawk li għandhom pożizzjoni għolja u jaħqru lil min hu fqir u jifgaw "l-ilħna bla ħoss" (Balzan, *Ilwien Moħbija* 43). Kitbiet bħal *Ipokrisija li tiftiehem* (Balzan, *Alfa* 15), *Lid-Demokrazija* (Balzan, *Alfa* 20), *Patetika...* (Balzan, *Alfa* 22), *Qatt ma konna daqshekk qrib…* (Balzan, *Alfa* 23) u *Ma Naqbilx…u Naqbel* (Balzan, *Ilwien Moħbija* 16) malajr iġegħluna nintebħu li għadhom rilevanti iktar minn qatt qabel. Pereżempju f'*Tibqax rieqda (bi stmerrija għal kull xorta ta' medjokrità)* miktuba fl-1983 tikkritika lil art twelidha li għadha mitlufa f'kultura li tifred u li aħna, ulied din "l-art li tatna isimha" qed "[n]itmejlu" b'ommna meta ma nirrispettawx l-identità tagħna stess.

[…]
għadek imħabbla 'l bogħod
fin-nofs imwaħħar
ja Malta tiegħi.
Kemm se jdumu jitmejlu bik
uliedek?
Ilibbsuk il-libsa tat-tijatrin
u ma jħallukx tirreċta (Balzan, *Alfa* 12).

4 *"Poets are the unacknowledged legislators of the world".*

Hija poeżija inċiżiva li tidħol preċiżament fil-kurrenti taż-żmien li nkitbet fih għax twissi li aħna poplu żgħir waqt li tgħarraf bid-difetti tan-nazzjon. Infatti, meta Adrian Grima fl-2003 staqsa lil Balzan dwar kemm taħseb li għadha relevanti din il-poeżija hija qalet

> […] qegħdin ngħaddu ż-żmien (jew nitmejlu) bina nfusna. Inħoss li għandna ħafna valuri tal-ħajja minfuħa bl-arja u għadd ta' prijoritajiet maqlubin ta' taħt fuq. Għad fadlilna ħafna x'nitgħallmu u x'naqdfu 'l quddiem (Balzan, intervistata minn Adrian Grima).

F'*Patetika...* tinħass influwenza diretta minn Mario Azzopardi fejn Balzan toħroġ aktar fid-dieher il-provinċjaliżmu ta' għżira li spiss tħaddan kultura diviżiva li fiha tibla' lill-poplu aljenat. Il-kuluri tilfu l-faxxinu tagħhom u l-arja hija tqila u malinkonika. Il-poeżija, b'allużjonijiet għat-taqlib politiku tat-tmeninijiet, hija mibnija fuq il-baħar jaqsam bejn dak li jidher u dak li hu: "poplu mifrud/maqsum fi tnejn/joħlom id-demokrazija/u jgħix il-mibegħda/ta' ġens maħkum/mill-bluha tiegħu nnifsu" (*Alfa* 22).

> […]
> U s-seħer tal-ilwien
> m'għadux li kien
> għax il-kuluri
> li s-soltu jsebbħu l-fjuri
> jistonaw fuq l-uċuħ ta' nies
> imħabbla fil-logħba tal-poter ...
> u t-tiċlis tal-aħmar u l-blu
> ma jgħattix l-elf difett
> […] (*Alfa* 22).

Bħal Martin Luther King, ix-xewqa tagħha hi li tinħoloq dinja fejn il-bnedmin jgħixu f'armonija dejjiema ma' xulxin u man-natura; xewqa li spiss tirraffiguraha bis-simoliżmu tal-ħlewwa permezz tal-mużika

jew tal-"ilma ġieri" (*Ilwien Moħbija* 26). Meta tinqeda bil-metafori tal-ġuf u tat-twelid jinħass id-diwi tal-influwenza minn Maria Grech Ganado. Dan jidher f'poeżiji bħal *Bla Isem* (*Turġien* 2), *Il-Mużika* (*Ilwien Moħbija* 8) u *Barra minn Żmienha* (*Ilwien Moħbija* 37), b'din tal-aħħar hija tifħira lil Alla għall-forza tan-natura li tagħtina l-frott barra mill-istaġun.

**Ħsibijiet Aħħarija**

Id-diskors dwar il-qawwa persważiva tal-kelma u l-immortalità tal-letteratura jikseb saħħa akbar minħabba li fil-letteratura, li għandha l-ħila tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-moħħ u l-irfinar tal-qalb, il-bniedem isib lilu nnifsu. Fid-dawl ta' dan kollu jista' jinftiehem aktar it-titlu ta' dan l-istudju għax fi żmien meta l-klima attwali fid-dinja hija aktar favur il-valuri materjali milli dawk umani, il-letteratura hija l-aqwa mezz ta' sfog għal qalb il-bniedem. Dan għaliex il-bniedem inċert u frammentat, kemm dak tal-passat u kemm dak tal-preżent u wisq aktar dak tal-futur, dejjem għandu ġewwa fih ix-xewqa li jittraxxendi, jimraħ fil-għoli u jixxennaq għas-sublimi waqt li kontinwament ifittex l-identità unika tiegħu li ħafna drabi jipprova jirrelataha jew saħansitra jwaħħadha mal-karattri, reali jew fittizji, li jiltaqa' magħhom fil-letteratura li sservi bħala "forma ta' katarsi; liberazzjoni" (Balzan, intervistata minn Sephora Francalanza). Hekk tikteb Balzan f'*Ma Nafx Għaliex*

> […]
> donnok ma tafx xi trid
> jew aħjar xi rrid jiena
> ... il-jien li jgħożż
> l-għeluq kiebi ta' ruħi
> 'l ġewwa fija
> u lili jġagħalni nixxennaq

għall-projezzjoni
tal-ispirtu mġedded tiegħi
'il barra minni (*Alfa* 16).

Kemm ix-xjenza u kemm il-letteratura huma żgħażagħ ta' dejjem u t-tnejn huma dixxiplini li jservu l-umanità.

> *Science is an ever-youthful topic. It knows no ageing, and a scientist is always aware that there is so much to learn. One never knows enough* (Farrugia).

Mix-xjenza, il-poeżija (u l-kritika letterarja nnifisha li wkoll hija xjenza) ħadet is-sengħa tat-tiftix u tal-esperimentazzjoni flimkien mat-teknika tal-analoġija. Kemm ix-xjenza u kemm il-letteratura mhux biss jestendu f'xulxin u huma msenslin flimkien iżda huma xhieda li l-bniedem għadu jħoss il-ħtieġa li jiddokumenta l-qagħda tiegħu jew tal-oħrajn bit-tama li mqar jifhem farka mill-univers u r-ritmiċità li hemm ġo fih u lil hinn minnu u dan jista' jsir biss permezz ta' osservazzjoni sensittiva. Bħalma fix-xjenza, il-ħajja, bl-irqaqat kollha u bil-"labirinti kumplessi" u t-"tliegħi weqfin" (Balzan, *Alfa* 28) li jiffurmawha tinsab kontinwament taħt il-lentijiet tal-mikroskopju, fil-letteratura wkoll, il-ħajja nnifisha hija l-istimulu għall-espressjoni.

**Biblijografija**

Balzan, R. *Ilwien Moħbija: Poeżija u Proża*. Veritas Press, 1973.
---. Intervistata minn Adrian Grima. *L-Eliżir tal-Ħajja*, 30 ta' Marzu 2003. https://adriangrima.org/2003/03/30/l-elizir-tal-hajja-intervista-lil-rena-balzan/. Aċċessat fil-25 ta' Diċembru 2021.
---. Intervistata minn Bernard Micallef. Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta Inizjamed, 2019, https://www.youtube.com/watch?v=l8ZTSIiOiHM. Aċċessat fil-25 ta' Diċembru 2021.
---. Intervistata minn Pablo Micallef u Mario Xuereb. TVAM Mix-Xjenza għal-Letteratura, 15 ta' Diċembru 2021. https://www.facebook.com/tvam.mt/videos/218826723741819. Aċċessat fit-30 ta' Diċembru 2021.

---. Intervistata minn Sephora Francalanza. Intervisti mal-Awturi: Proġett bi sħab bejn id-Dipartiment tal-Malti fil-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta u l-Akkademja tal-Malti, 23 ta' Novembru 2020. https://www.youtube.com/watch?v=lLkgyCYH4TM. Aċċessat fis-26 ta' Diċembru 2021.

---. Intervistata minn Simone Galea. *Is-Siegħa tal-Kittieba*, 26 ta' Novembru 2009. http://ia800501.us.archive.org/32/items/is-siegha-tal-kittieba1/04.renaBalzan.mp3. Aċċessat fis-26 ta' Diċembru 2021.

Balzan, R., et al. *Alfa: Poeżiji.* Union Print, 2000.

Balzan, R., et al. *Turġien: Ġabra Ta' Poeżiji Għas-Snin Tmenin.* Pubblikazzjoni Gulf, 1983.

Borg, O. *Minn Mary Meylak Sa Simone Inguanez: Identitajiet u Perspettivi*. 2010. L-Università ta' Malta, Teżi tal-MA fil-Malti. https://www.um.edu.mt/library/oar/handle/123456789/71601. Aċċessata fit-28 ta' Diċembru 2021.

Butcher, S.H., traduttur. *Poetics*. Ta' Aristotli, The Project Gutenburg Ebook of Poetics, 2008. https://www.gutenberg.org/files/1974/1974-h/1974-h.htm. Aċċessat fis-27 ta' Diċembru 2021.

Chetcuti, Ġ. *Stilistika Maltija u Movimenti Letterarji.* Klabb Kotba Maltin, 1985.

Ebejer, F. "It-Turġien tal-Poeżija". Balzan, Rena, et al. *Turġien: Ġabra Ta' Poeżiji Għas-Snin Tmenin.* Pubblikazzjoni Gulf, 1983, pp. ix-x.

Farrugia, G. "Of Science & Literature". *THINK Magazine*, 16 ta' Diċembru 2015. https://www.um.edu.mt/think/of-science-literature/. Aċċessat fis-26 ta' Diċembru 2021.

Fish, S. "How to Recognize a Poem When You See One". http://fs2.american.edu/dfagel/www/Class%20Readings/Fish/HowToRecognizeAPoem.htm. Aċċessat fis-26 ta' Diċembru 2021.

Friggieri, O. *L-Idea tal-Letteratura: Daħla għall-Istudju tal-Arti tal-Kelma.* Pubblikazzjoni Bugelli, 1986.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. *Rena Balzan – Rebbieħa tal-Premju Għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u l-Letteratura 2021. 13 ta' Jannar 2022.* https://ktieb.org.mt/mt/news/rena-balzan-recipient-of-the-2021-national-book-prize-lifetime-achievement-award/. Aċċessat fis-27 t'Awwissu 2022.

Sammut, P. J. "Intervista ma' Rena Balzan". *Minn Fomm il-Kittieb: Intervisti ma' Għadd ta' Kittieba u Poeti mix-Xena Lokali*, vol. 1. Horizons, 2014.

Serracino Inglott, P. "Il-Poeżija ta' Rena Balzan." *Ilwien Moħbija.* Balzan, Rena, Veritas Press, 1973, pp. 5-6.

Shelley, P. B. "A Defence of Poetry and Other Essays." https://www.gutenberg.org/files/5428/5428-h/5428-h.htm. Aċċessat fit-28 t'Awwissu 2022.

Wormser, B. u D. Cappella. *Teaching the Art of Poetry: The Moves.* Lawrence Erlbaum, 2000.